NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA
TEL: 2155 6661 - 21556427 - 2155 1211 FAX: 2155 1278 WEBSITE: www.gozodiocese.org


# Preżentazzjoni tat-tfal fis-Santwarju Ta' Pinu

Nhar **Is-Sibt, 2 ta' Frar 2008, fil-4.00 p.m.** l-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech ser immexxi ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla li fiha ser issir il-preżentazzjoni tat-trabi fis-Santwarju Bażilka ta' Pinu. Dawk il-ġenituri li jixtiequ jġibu lill-uliedhom għall-preżentazzjoni għandhom ikunu fil-ħin. Din qed tiġi organizzata mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex.

# Ġimgħa tal-Morda

Mill-Ħadd 10 sas-17 ta' Frar 2008

Is-sittax- il Jum Dinji Tal-Morda

**Ħadd 17 ta' Frar** **Santwarju tal- Madonna ta' Pinu - 10:00a.m.**

**Quddiesa** għall-anzjani u għal dawk li jaħdmu ma' l-anzjani u morda bis-sehem tal-Kappillani ta' l-Isptar Ġenerali.
Mistiedna speċjali l-operaturi sanitarji, il-Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija, il-Kumitati Parrokkjali Promozzjoni Umana, l-Organizzazzjonijiet non-Governattivi li jaħdmu mal-morda u l-anzjani f'Għawdex.
(**N.B. Ara programm maħruġ apposta għal din il-Ġimgħa).**

# SOLENNITÀ TAN-NAWFRAĠJU TA' L-APPOSTLU MISSIERNA SAN PAWL

**Is-Solennità tan-Nawfraġju ta' l-Appostlu Missierna San Pawl Patrun tal-Gżejjer Maltin din is-sena ġiet traferita għad- nhar is-Sibt, 9 ta' Frar 2008 peress li ħabat ma' l-ewwel Ħadd tar-Randan** Dawk kollha responsabbli mill-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi huma mitluba li jibagħtu rappreżentanza għall-Pontifikal mill-Isqof li jibda fis-6.00 p.m. fil-Parroċċa tal-Munxar.

# PELLEGRINAĠĠ PENITENZJALI DJOĊESAN

## Għall-Knisja Bażilka Santwarju TA' PINU

## Il-Ġimgħa, 8 ta' Frar, 2008

Nhar **il-Ġimgħa, 8 ta' Frar 2008 ser** isir **Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan tar-Randan** li jibda fis-6.00p.m.minnħdejn is-siġra Imexxi l-Pellegrinaġġ L-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex**. Meta naslu fil-Knisja Ta' Pinu fis-6.20p.m. ikun hemm konfessuri għall-Qrar u fis-6.30p.m.Konċelebrazzjoni presiduta mill-Isqof.** Kulħadd huwa mistieden. Is-saċerdoti huma mistiedna jikkonċelebraw, iġibu magħhom Alba u Stola Vjola. Jingħata l-Mandat lill-Predikaturi ta' l-Eżerċizzi tar-Randan.

Dawk responsabbli mill-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi flimkien mal-membri kollha tagħhom huma

# Kalendarju Pastorali

**Frar 2008** **Numru 374**

| | |
|---|---|
| 2.Sibt. | Il-Preżentazzjoni tal-Mulej - Festa. Pontifikal fil-Katidral. |
| | Jum ir-Reliġjużi u l-membri tal-Ħajja Kkonsagrati Quddiesa f'ta' Pinu fis-6.30p.m. |
| | Kunsill Presbiterali Ċentru Ragħaj it-Tajjeb. |
| | Preżentazzjoni u Tberik tat-Trabi f'Ta' Pinu mill-Isqof Mario Grech fil-4.00p.m. |
| | L-Ewwel Sibt tax-xahar. |
| | Festa tal-Madonna tal-Fiduċja - Kappella Spigolatriċi u Moviment « Pro Sanctitate », Għawdex. |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fl-Oratorju Don Bosco, Victoria,li jibda fit-8.00p.m. |
| | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 3.Ħadd | Ir-Raba' Ħadd ta' matul is-sena. Messalin Sena A. Paġina 266. |
| | Jum il-Ħajja. |
| | Festa ta' San Ġwann Bosco (Oratorju Don Bosco, Victoria). |
| 5.Tlieta | Sant'Agata, Verġni u Martri - Tif (0). |
| 6.Erbgħa | Ras ir-Randan (Obbligu ta' Sawm u Astinenza). |
| | Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani - Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, Victoria. |
| 7. Ħamis | Beatu Piju IX,Papa - Fundatur tad-Djoċesi t'Għawdex. Katidral Festa. Tifkira fid-Djoċesi. |
| 8.Ġimgħa | Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan tar-Randan għas-Santwarju TA' PINU. Fis-6.00p.m. |
| 9.Sibt | Solennità ta' l-Appostlu Missierna San Pawl .Patrun ta' Malta u Għawdex. |
| | Messalin sena Ċ. Paġina 458. Isir it-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija. |
| | Ma hemmx l-Obbligu tas-Smigħ tal-Quddies. |
| | Katekeżi tar-Randan għaż-żgħażagħ Knisja ta' San Ġakbu, Victoria - 8.30p.m. -KDŻ |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov, Ewk. fil-Parroċċa tal-Munxar li jibda fit-8.00p.m. |
| 10.Ħadd | L-Ewwel Ħadd tar-Randan.. Messalin A. p.131. |
| 11.Tnejn | *L-Ewwel dehra tal-B.V.M ta' Lourdes.* |
| | *Festa tal-Madonna ta' Lourdes fil-Knisja ta' Lourdes,Għajnsielem. Solennita'.* |
| | Is-Sittax -il Jum Dinji tal-Morda. |
| | Id-dehriet l-oħra ta' Lourdes f'dan ix-xahar huma : 14,18, 19, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27 u 28 |
| 12. Tlieta | *Laqgħa għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta - Kappella ta' l-Universita' fis-7.15p.m.* |
| 13.Erbgħa | San Ċirillu, raħeb u San Metodju, Isqof - Patruni ta' l-Ewropa.- Festa. |
| 15.Ġimgħa | Irtir għaż-Żgħażagħ (Dar Manresa -Victoria) |
| 16.Sibt. | Irtir għaż-Żgħażagħ ( Dar Manresa- Victoria) |
| | Katekeżi tar-Randan għaż-żgħażagħ Knisja ta' San Ġakbu, Victoria - 8.30p.m. -KDŻ |
| | Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Lourdes, Mġarr Għajnsielem li jibda fit-8.00p.m. |
| 17.Ħadd | ***It-Tieni Ħadd tar-Randan. Messalin sena A. p.138.*** |
| | ***Quddiesa għall-anzjani u morda u operaturi sanitarji -Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fil-10.00a.m.*** |
| | ***Irtir għaż-Żgħażagħ (Dar Manresa - Victoria).*** |

| | |
|---|---|
| 18.Tnejn | ***Lectio Divina Saċerdoti Zona A (Parroċċa San Ġorġ - 4.00p.m.).*** |
| 20.Erbgħa | ***Birthday ta' Mons Isqof Mario Grech.*** |
| 22.Ġimgħa | Il-Katedra ta' San Pietru Appostlu - Festa. |
| 23. Sibt | Nofs ta'nhar Spiritwalita' għas-saċerdoti.Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb, Victoria fit-8.30a.m |
| | Adorazzjoni għall-Persuni kkonsagrati fil-Parroċċa tax-Xewkija li tibda fis-6.15p.m. |
| | Lejl Adorazzjoni Mov. Ewk. Fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.00p.m. |
| | Katekeżi tar-Randan għaż-Żgħażagħ Knisja ta' San Ġakbu, Victoria fit-8.30p.m. KDŻ) |
| | Irtir għaż-Żgħażagħ 1 (Dar Manresa - KDŻ) |
| 24.Ħadd | It-Tielet Ħadd tar-Randan.. Messalin A. p.143. |
| 25.Tnejn | Tifkira tal-Beata Marija Adeodata Pisani O.S.B.Verġni - Reliġjuza. |